QORTI CIVILI PRIM' AWLA

ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE LL.D.

Illum il-Gimgha, 22 ta' Gunju 2001

**Numru** 6
**Citaz. Nru.** 2763/97 FDP

**Blye Engineering Co. Ltd.**

**Vs**

**Victor Sciriha**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta\` attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta\` attrici s-somma ta' elf mija u sittax-il lira Maltin u tlettax-il centezmu (Lm1116.13) bhala bilanc minn somma akbar dovuta bhala prezz ta' coldroom u refrigeration system lilu manufatturati

u installati fuq inkarigu tieghu u ta' xoghlijiet ta' tiswija u oggetti konnessi, kollox kif jirrizulta mill-fatturi 886/94, 1800/94, 14/95, 30/95, 138/95 u 95/96 esebiti mac-citazzjoni bhala Dok. A sa' F u l-istatement of account ta' l-24 ta' Ottubru 1997 (Dok. G);

Premess illi, ghalkemm interpellat diversi drabi biex ihallas, il-konvenut baqa' inadempjenti;

Talbet ghalhekk is-socjeta` attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf mija u sittax-il lira Maltin u tlettax-il centezmu (Lm1116.13) bhala bilanc minn somma akbar dovuta kif spjegat fuq, skond il-fatturi u l-istatement of account esebiti (Dok. A. sa' G);

Bl-imghax kummercjali u bl-spejjez inzkluzi dawk ta' l-ittri interpellatorji ta' l-4 ta' Marzu 1997, 18 ta' Marzu 1997 u 18 ta' April 1997, kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess socjeta` attrici, il-lista tax-xhieda minnha indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut illi fiha huwa eccepixxa:-

1. Illi preliminarjament ma kellu ebda relazzjoni guridika mas-socjeta` attrici; ir-relazzjoni

kienet mas-socjeta` li jisimha JCW Co. Limited li tiggestixxi l-Whitehouse Hotel;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess il-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar;

3. Illi minghajr pregudizzju, ix-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti ghaliex l-installazzjoni li saret ma kinetx idonea mal-fridge u r-refrigerating system in kwistjoni;

U ghamel wkoll riserva ghal eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet moghti fit-28 ta' Mejju 1998 li permezz tieghu gie nominat bhala espert tekniku Charles Cuschieri;

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess espert tekniku li jinsab a fol 29 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-Udjenza tal-5 ta' Mejju 2000;

Semghet lix-xhieda prodotti;

Semghet lid-difensuri;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:-

Illi s-socjeta` attrici pprezentat din ic-citazzjoni biex titlob minghand il-konvenut is-somma ta' Lm1116.13 u dan bilanc ta' somma akbar illi l-istess socjeta` tikkontendi li kien lilha dovut ghal coldroom u refrigeration system li nhaddmu u gew installati fuq inkarigu ta' l-istess konvenut; illi in sostenn ta' din it-talba huma ressqu diversi dokumenti u anki ressqu diversi xhieda;

Illi minn naha tieghu l-konvenut ma ressaq ebda prova in sostenn ta'l-eccezzjonijiet minnu sollevati; huwa baqa' qatt ma ha parti f'din il-kawza u harsa mill-qrib lejn il-verbali tas-seduti li zamm l-espert tekniku u anki l-verbali ta' l-Udjenzi ta' dina l-Qorti, senjatament wara l-prezentata tar-relazzjoni juru kif il-konvenut baqa' ostinat li ma jridx jaghti x-xhieda tieghu u lanqas iressaq il-provi u dan nonostante t-tentattivi ripetuti u insistenti tad-difensuri tieghu biex jinghata tali opportunita` qabel ma l-Qorti tghaddi ghas-sentenza; dawn l-isforzi kienu kollha inutili u l-konvenut baqa' ma ressaq ebda forma ta' prova;

Illi mir-rizultanzi processwali jidher li s-socjeta` attrici kienet inkarigata mill-proprjetarji tal-Whitehouse Hotel f'Paceville biex jaghmlu stallazzjoni ta' fridge room u freezer room; illi jirrizulta li l-kontijiet ippreparati mis-socjeta` attrici relattivi ghax-xoghol kienu jinhargu indirizzati lil White House Hotel u minn imkien ma jidher li hemm xi indikazzjoni li dina kienet socjeta` ta' responsabilita` limitata;

Illi dwar l-eccezzjoni relattiva ghal kwalita` tax-xoghol esegwit mis-socjeta` attrici l-espert tekniku kkonkluda illi ma giex ppruvat li x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti;

Illi mill-atti jidher li s-socjeta` attrici kitbet lill-konvenut diversi ittri u huwa stess permezz ta' l-avukat tieghu wiegeb b'dan il-mod: "*Permezz tal-prezenti Victor Sciriha tal-White House Hotel, Triq Paceville, San Giljan filwaqt li jaghmel referenza ghall-ittra mibghuta mill-konsulent legali tieghek datata 4 ta' Marzu 1997, qieghed jinfurmak li s-somma ta' Lm1005.45 minnek pretiza mhix dovuta u dan peress li l-coldroom u refrigeration system minnek mibjugh ma kinux tal-kwalita` pattwita u wkoll peress illi x-xoghlijiet minnek maghmula ma gewx esegwiti skond is-sengha u l-arti*"; stqarrija bhal din certament tmur kontra l-ispirtu ta' l-eccezzjoni mressqa.

Illi l-konvenut kellu kull possibilita` li jidher u jispjega l-bazi ta' l-eccezzjoni minnu sollevata pero` baqa' ma ghamilx dan u anke meta inghata l-possibilita` li jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet huwa xorta baqa' inadempjenti.

Illi x-xhieda finali ta' Raymond Mallia ghas-socjeta` attrici tikkonferma li l-istess Victor Sciriha kien talbu biex jibghat il-kont f'ismu, hu kien qabel li x-xoghol ta' manutenzjoni mehtieg kellu jsir wara li huwa jkun hallas l-imsemmi kont; huwa kkonferma wkoll illi t-trattativi u x-xoghol li huma ghamlu dejjem sar bi ftehim mal-konvenut Victor Sciriha.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tichad l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut; tichad ukoll it-tieni eccezzjoni anke ghaliex ma tressqu ebda provi fir-rigward; u tichad ukoll it-tielet eccezzjoni dwar il-kwalita` tax-xoghol;

Konsengwentement tilqa' t-Talba kif kontenuta fic-citazzjoni u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma mitluba fic-citazzjoni.

Bl-imghax kummercjali li ghandu jibda jiddekorri mid-data tan-notifika tac-citazzjoni lill-konvenut u bl-ispejjez kontra l-istess konvenut.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur